# A. Il-kitba ta' invit (10 marki)

**Int mitlub tikteb invit wieħed.**
**Agħżel jew Invit numru 1 jew Invit numru 2**

## 1. Invit għal ħarġa kulturali mal-Kunsill Lokali

*Fil-linji li għandek f'paġna 2, ikteb* **invit** *għal ħarġa kulturali organizzata mill-kunsill lokali tiegħek fil-jiem li ġejjin.*

Immaġina li int is-segretarju jew is-segretarja tal-kunsill li qed tikteb l-inviti għal din il-ħarġa li se tiġi organizzata għat-tfal tar-raħal jew tal-belt tiegħek.
Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk tikteb dan l-invit.

a) Min qed jorganizza din il-ħarġa?
b) Min jista' jmur għal din il-ħarġa?
ċ) Meta se ssir din il-ħarġa u x'inhu l-ħin tat-tluq?
d) Fejn se jmorru t-tfal matul din il-ħarġa?
e) Kif jistgħu jibbukkjaw għall-ħarġa t-tfal?
f) X'iridu jġibu magħhom?



2. **Invit għall-festin f'għeluq snin Marija u Luca**

*Fil-linji li għandek hawn taħt, ikteb* **invit** *għall-festin f'għeluq snin it-tewmin, Marija u Luca, li ħa jiċċelebraw fil-jiem li ġejjin.*

Immaġina li int Marija jew Luca li qed tikteb l-inviti għall-festin t'għeluq sninkom.
Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk tikteb dan l-invit.

a) Min hi l-persuna li qed tistieden għall-festin?
b) Meta ħa jsir dan il-festin?
ċ) Fejn ħa jsir il-festin?
d) Il-persuna mistiedna kif tista' tavża li se tattendi għall-festin?
e) Min se jieħu ħsieb id-divertiment?



**Ikteb l-invit tiegħek hawn taħt.**

Invit _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## B. Il-kitba ta' djalogu (20 marka)

**Ħares lejn l-istampi. Agħżel waħda.**
**Fuq l-istampa li se tagħżel, imbagħad ħa tikteb id-djalogu tiegħek.**
**X'taħseb li qed jgħidu?**

| | |
|---|---|
| **A**  | **Jekk tagħżel din l-istampa, dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk tikteb id-djalogu fuqha.** *Fid-djalogu jistgħu jistaqsu l-ismijiet ta' xulxin, fejn jgħixu, x'iħobbu jagħmlu, kif iħossuhom meta jitkellmu bejniethom. Jistgħu wkoll jirrakkuntaw lil xulxin xi ġrajja jew avventura li kellhom.* |

***jew***

| | |
|---|---|
| **B**  | **Jekk tagħżel din l-istampa, dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk tikteb id-djalogu fuqha.** *Fid-djalogu jistgħu jistaqsu l-ismijiet ta' xulxin, fejn qegħdin, kif iltaqgħu f'dak il-post, kif iħossuhom meta jitkellmu bejniethom. Jistgħu wkoll jirrakkuntaw lil xulxin xi ġrajja jew avventura li kellhom.* |

## 1. Il-Pjan tad-djalogu *(4 marki)*

**Ikteb il-pjan** tad-djalogu b'rabta mal-istampa magħżula minnek.

Djalogu _____ (Ikteb A *jew* B)

## 2. Id-djalogu skont l-istampa magħżula minnek *(16-il marka)*

Uża l-pjan tiegħek sabiex tikteb id-djalogu b'rabta mal-istampa magħżula minnek. Id-djalogu jrid ikun bejn **140 u 200 kelma**.

Djalogu _____ (Ikteb A *jew* B)

**TMIEM IL-KARTA**